Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Diċembru 2017**
**(OR. en)**

**15154/17**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0197 (NLE)**

**RECH 390**
**MED 84**
**AGRI 662**
**MIGR 223**
**RELEX 1047**
**AL 15**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 11673/17 - COM(2017) 431 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)<br>- *Adozzjoni* |

1. Fil-11 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar[1] tal-Ftehim imsemmi hawn fuq, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tiegħu[2].

[1] Dok. 11677/17 + ADD 1
[2] Dok. 11673/17 + ADD 1

2. Fil-25 ta' Settembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar[3] tal-Ftehim. Fl-istess ħin u f'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 11964/17 RECH 296 MED 70 AGRI 455 MIGR 168 RELEX 733 AL 12, flimkien mal-istess Ftehim[4], lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb tat-tħejjija tal-konklużjoni futura tal-Ftehim.

3. Il-Ftehim mar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija ġie ffirmat fis-26 ta' Ottubru 2017.

4. Fit-30 ta' Novembru 2017, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti u kif jinsab fid-dokument 11964/17.

---

[3] Dok. 11897/17
[4] Dok. 11924/17